MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2012

Numru. 1309/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR SYLVANA BRIFFA**
**VS**
**MARIO DARMANIN**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Mario Darmanin ta’ 58 sena, bin Carmel u Carmela nee’ Bugeja, imwieled Paola is-27 ta’Novembru 1953, residenti gewwa Eagle, Fl2, Triq l-Iskal, Marsaskala, u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 867553(M);

Billi inti akkuzat talli b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozzijoni tal-Ligi, u liema atti gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda.

1. Bejn l-1 ta'Frar 2001, u l-1 ta'Marzu 2009, gewwa Marsaskala u fi bdani ohra gewwa dawn il-gzejjer ikkommettejt serq ta' diversi CD's u diversi oggetti ohra minn gewwa diversi vetturi mhux maghrufa, ghad-detriment ta'persuni mhux maghrufa liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa;

2. u aktar nhar l-1 ta'Marzu 2009, ghal habta ta' bejn il-hamsa ta'filghaxija (17.00hrs) u sitta unofs (18.30hrs) gewwa Triq Sant'Anna, Marsaskala ikkommettejt serq ta' diversi CD's, dokumenti u diversi oggetti ohra minn gewwa vettura Suzuki bin-numru tar-registrazzjoni CBA 736, propjeta ta'Gordon Cefai liema serq huwa aggravat bil-mezz, u bix-xorta tal-haga misruqa;

3. u aktar bejn it-8 ta'Frar 2009 u d-9 ta'Frar 2009, ghal habta ta' bejn id-disgha ta'filghaxija (21.00hrs) u l-hamsa ta' filghodu (05.00hrs) gewwa Triq il-Buttar, Marsaskala ikkommettejt serq ta' diversi CD's, u diversi oggetti ohra minn gewwa vettura Peogot 309 bin-numru tar-registrazzjoni EAB 558, propjeta ta'Emmanuel Buttigieg liema serq huwa aggravat bil-hin , u bix-xorta tal-haga misruqa;

4. u aktar nhar l-1 ta'Marzu 2009, ghal habta ta' bejn il-hamsa ta'filghaxija (17.00hrs) u sitta u nofs (18.30hrs) gewwa Triq Sant'Anna, Marsaskala volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe ghamel hsara fil-vettura Suzuki bin-numru tar-registrazzjoni CBA 736, liema hsarat huma aktar minn 116.47 Euros , u anqas minn 1164.69 Euros ghad-dannu ta' ta'Gordon Cefai;

5. U akkuzat aktar talli kiser il-povedimenti ta' Artikolu 22 tal-Kap 446, sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati, Magistrat Dr. Saviour Demicoli LLD nhar it-18 ta' Jannar 2008.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali u dak ta’ l-imputat , sabiex il-kaz jigi ttrattat bi procedura somarja;

Semghet l-ammisjoni ta’l-imputat;

Semghet il-konferma ta’ l-ammisjoni ta’ l-imputat wara li il-Qorti akkordat zmien ragenevoli ghall-ripensament;

Rat id-dokumenti ezebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Fuq l-istess ammisjoni ttieghu, il-Qorti issib l-imputat Mario Darmanin hati skond l-akkuza u wara li rat Artikoli 261, 263, 264, 270, 271, 278, 325 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’Malta, Artikolu 7, 23 tal-Kap 446 ,tqieghed lill-imputat taht Ordni ta ‘ *Probation* ghall-perjodu ta’ sentejn (2), taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-*Probation Services* jew *Probation Officer* iehor minnu nominat.

Di piu tqieghed lill-imputat taht *Non Residential Treatment Order* ghall-reabilitazzjoni tieghu mid-dependenza fuq xorb alkoholiku, fl-istituzzjoni tas-Sedqa ghall-perjodu ta’ sentejn (2), sabiex l-imputat jattendi l-gruppi.

Din il-piena qedgha tigi akkordata wara li il-Qorti hadet inkonsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta’ l-imputat, l-eta’ tieghu, il-Fedina Penali , il-fatt illi l-agir tal-imputat kien frott tad-dipendenza tieghu fuq ix-xorb u jidher li l-imputat diga ha l-ewwel pass sabiex jirreabilita ruhu.

Il-Qorti tordna illi kopja ta’ din is-sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-*Probation Services* u id-Direttur tas-Sedqa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------